Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) GEORGE ABELA
President

19 ta' Novembru, 2010

ATT Nru XVIII tal-2010

ATT biex jawtorizza u jirregola l-ġbir ta' self bil-għan li jsiru ftehim ta' self mill-ġdid mal-Air Malta plc.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2010 dwar Self tal-Gvern u l-Għoti ta' Self lil Air Malta plc. Titolu fil-qosor.

2. F'dan l-Att sakemm il-kuntest ma jeħtieġx xort'oħra - Tifsir.

"Fond Konsolidat" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"Ftehim dwar Self" tfisser kull ftehim, approvat mill-Kummissjoni Ewropea skont il-Linji Gwida tal-Komunjoni Ewropea dwar Għajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u Ristrutturazzjoni ta' Impriżi f'Diffikultà (2004/Ċ 244/02), li jipprovdi għas-self ta' flus lil Air Malta plc skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi.

Awtorità li jinġabar self.

3. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta jista', għall-finijiet tal-artikolu 4, jissellef ammonti ta' flus f'Malta li fit-total ma jeċċedux tnejn u ħamsin miljun Euro, u dawk l-ammonti oħra ta' flus kif il-Kamra tad-Deputati tista' minn żmien għal żmien tawtorizza b'riżoluzzjoni.

(2) Għall-fini li jinġabru l-imsemmija ammonti ta' flus permezz ta' self, il-Ministru huwa hawnhekk awtorizzat li jissellef l-imsemmija ammonti ta' flus skont dawk it-termini u bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet li l-imsemmi Ministru jista' japprova taħt id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), sabiex joħroġ titoli f'Malta:

Kap. 161.

Iżda l-Ministru jista' wkoll, meta jidhirlu li jkun spedjenti li hekk isir għal raġunijiet ta' urġenza, jawtorizza l-użu temporanju ta' fondi mill-Fond Konsolidat sabiex jagħmel tajjeb għall-ħtiġiet finanzjarji tal-Ftehim dwar Self sa dak iż-żmien li jinkiseb ir-rikavat tas-self imsemmi fl-artikolu 3.

Għan tas-self.

4. (1) Minkejja xi disposizzjonijiet oħra fil-liġi, il-flus mislufa taħt l-awtorità ta' dan l-Att għandhom jiġu approprjati u applikati bil-għan li jidħlu fi ftehim ta' self mill-ġdid, konklużi bejn il-Gvern ta' Malta, bħala min isellef, u Air Malta plc, bħala min jissellef, għal ammont identifikat, skont u fil-qafas ta' Ftehim dwar Self konklużż għal għanijiet tas-salvataġġ u l-istrutturar mill-ġdid ta' Air Malta plc.

(2) Is-self ta' flus mill-ġdid mislufin skont dan l-Att għal xi għan għajr dak speċifikat taħt is-subartikolu (1) jista' jsir biss f'dak il-mod u għal dak il-għan li l-Kamra tad-Deputati tista', permezz ta' riżoluzzjoni, tiddetermina.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 284 tal-15 ta' Novembru, 2010.

MICHAEL FRENDO
Speaker

PAULINE ABELA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati